**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Livelli 5–6–7**

| IT-TIENI SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ___________________________________

**Il-klassi:** _______________

**Għall-istudent:**

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**

**2. L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

**Kummenti**

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

### Il-Kamaleonte



Il-kulur tal-kamaleonte jvarja minn kulur aħdar għal kulur griż fil-kannella u safrani – kollha lwien tan-natura li jgħix fiha bħas-siġar, il-weraq, iz-zkuk u l-ħamrija. Dawn il-kuluri jgħinuh jibqa' moħbi minn annimali oħra kif ukoll mill-bniedem. Il-kamaleonte jibdel il-kulur ukoll meta jkun qed jibża'. Hu jsir griż ċar biex jidher akbar u jbeżża' lil min jattakkah. (par. 1)

Il-kamaleonte mhux minn dejjem kien jinstab fil-gżejjer Maltin. Il-kamaleonte ddaħħal f'Malta fl-aħħar tal-1800, meta xi Ġiżwiti ġabu magħhom numru minn dawn l-annimali mill-Afrika ta' Fuq u telquhom jiġru fil-ġonna tad-dar tagħhom li kellhom San Ġiljan. Fi ftit snin il-kamaleonte żdied f'dawn il-ġonna u llum insibu dan l-annimal kważi ma' Malta kollha. (par. 2)

Il-kamaleonte jiekol insetti ħajjin u dan jagħmlu b'ħila kbira. Għandu mezz tajjeb ħafna biex jiċċaqlaq għax joqgħod fuq zkuk jew siġar fejn jistenna xi insett jieqaf qribu. Meta jara hekk huwa jimxi bil-mod u kif jasal madwar 8 ċentimetri 'l bogħod, il-kamaleonte jieqaf, jimmira u dritt jispara lsienu lejn il-vittma tiegħu. Fil-ponta ta' lsienu għandu speċi ta' kolla li l-insett jeħel magħha biex ma jaħrabx. (par. 3)

Min jaqbad dan l-annimal jista' jeħel il-flus. Barra minn hekk, dan l-annimal huwa rari, għalhekk għandna nħalluh fl-ambjent naturali tiegħu. Il-kamaleonte ma jagħmilx ħsara lill-bniedem! (par. 4)

(Silta ta' Vincent Attard, addattata minn *Flimkien*)

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(16-il marka)** |
|---|---|

Il-kulur tal-kamaleonte jvarja minn kulur aħdar għal kulur griż fil-kannella u safrani – kollha lwien tan-natura li jgħix fiha bħas-siġar, il-weraq, iz-zkuk u l-ħamrija. Dawn il-kuluri jgħinuh jibqa' moħbi minn annimali oħra kif ukoll mill-bniedem. Il-kamaleonte jibdel il-kulur ukoll meta jkun qed jibża'. Hu jsir griż ċar biex jidher akbar u jbeżża' lil min jattakkah. (par. 1)

1. Kif ivarja l-kulur tal-kamaleonte? (1)

______________________________________________________________________

2. Kif jgħinuh dawn il-kuluri? (1)

______________________________________________________________________

3. X'jagħmel il-kalameonte meta jibża'? (2)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

Il-kamaleonte mhux minn dejjem kien jinstab fil-gżejjer Maltin. Il-kamaleonte ddaħħal f'Malta fl-aħħar tal-1800, meta xi Ġiżwiti ġabu magħhom numru minn dawn l-annimali mill-Afrika ta' fuq u telquhom jiġru fil-ġonna tad-dar tagħhom li kellhom San Ġiljan. Fi ftit snin il-kamaleonte żdied f'dawn il-ġonna u llum insibu dan l-annimal kważi ma' Malta kollha. (par. 2)

4. Meta ddaħħal Malta il-kamaleonte u mil-liema pajjiż ġabuh? (2)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. Fejn kienu joqogħdu l-Ġiżwiti f'Malta? (2)

______________________________________________________________________

Il-kamaleonte jiekol insetti ħajjin u dan jagħmlu b'ħila kbira. Għandu mezz tajjeb ħafna biex jiċċaqlaq għax joqgħod fuq zkuk jew siġar fejn jistenna xi insett jieqaf qribu. Meta jara hekk huwa jimxi bil-mod u kif jasal madwar 8 ċentimetri 'l bogħod, il-kamaleonte jieqaf, jimmira u dritt jispara lsienu lejn il-vittma tiegħu. Fil-ponta ta' lsienu għandu speċi ta' kolla li l-insett jeħel magħha biex ma jaħrabx. (par. 3)

6. B'liema parti ta' ġismu jaqbad l-insetti l-kamaleonte? (1)

______________________________________________

7. X'għandu speċjali lsien il-kamaleonte? (1)

______________________________________________

8. "kollha lwien tan-natura li jgħix fi**ha** (par. 1). Għal min qed jirreferi l-pronom **ha** fil-kelma fi**ha**? Għall-kamaleonte / Għall-Ġiżwiti / Għan-natura (*Agħżel it-tajba*) (1)

9. Ikteb kelma jew frażi oħra flok: (2)

a. "kulur" (par. 2) ______________________ b. "qribu" (par. 3) ______________________

10. Agħżel kelma waħda mill-parentesi li tagħmel sens skont is-silta flok il-kliem li ġej: (2)

a. "jvarja" (par. 1) = (jaqbeż, jinbidel, jikser)

b. "jankrawh" (par. 4) = (jżommuh, jpoġġuh, jagħtuh)

11. Għaqqad dawn iż-żewġ sentenzi f'waħda, mingħajr ma tuża l-konġunzjoni "u" (1)

"Dan l-annimal huwa rari. Għandna nħarsuh u nħalluh fl-ambjent naturali tiegħu".

______________________________________________

______________________________________________



| **Taqsima B. Il-Grammatika** | **(10 marki)** |
|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-kelma **annimali** hija: | Kollettiv / Plural Sħiħ / Plural Miksur. |
| 2. | Il-kelma **ġonna** hija: | Plural________________________ |
| 3. | Il-kelma **weraq** hi kollettiv. Agħti kelma oħra fil-**kollettiv**. | ____________________________ |
| 4. | Qiegħed din il-frażi fl-istat kostrutt: **il-lewn tal-kamaleonte** | lewn il-kamaleonte / kamaleonte lewn / il-lewn tiegħu |
| 5. | L-aħħar tliet ittri fil-kaxxi skuri jiffurmaw il-pronom (meqjus, mehmuż, magħfus) | **m** \| **a** \| **għ** \| **h** \| **o** \| **m** |
| 6. | Il-pronom **dan** hu pronom: | dimostrattiv / personali / riflessiv. |
| 7. | a. Agħti l-għerq ta' **seta'**.<br>b. Agħti l-mamma ta '**inġib**. | a. ______________________<br>b.______________________ |
| 8. | **ċaqlaq, qagħad**<br>Liema minn dawn hu: | a. Verb **trilitteru**: ________________________<br>b. Verb **kwadrilitteru**:______________________ |

**Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali** **(9 marki)**

Agħżel waħda minn **Ċi** jew **Ċii**.

- **Ċi**. **Deskrizzjoni ta' persuna**. Agħżel persuna importanti għalik. Iddeskrivi lil din il-persuna f'madwar 40-60 kelma.

*Tista' tuża dan il-kliem biex jgħinek: twil/a, qasir/a, oħxon/ħoxna, irqiq/a, għajnejh/a ċari, ċajtier/a, nervuż/a, umli, b'qalbu/ha tad-deheb, ġeneruż/a, żorr/a, ilsienu/ha taz-zokkor.*

***Jew***

- **Ċii**. **Bijografija ta' persuna famuża.** Agħżel persuna (tista' tkun famuża) u f'madwar 40-60 kelma ikteb il-bijografija tiegħu / tagħha.

*Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħnuk: Meta twieled /twieldet? Fejn joqgħod/toqgħod? Fejn kien imur/kienet tmur skola? Kemm għandu/ha aħwa? Miżżewweġ/Miżżewġa? Meta beda/bdiet l-karriera tiegħu/tagħha? Meta għamel/għamlet suċċess?*

Ikteb x'għażilt: Ċ ______

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

| Taqsima D. Letteratura | (25 marka) |
|---|---|

**A. Poeżija – *Nadriet 2*** ***(15-il marka)***

1. Aqra din l-istrofa mill-poeżija *Gelmus*, u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

***U bi dmugħi jien nibqa' nsaqqiha***
***ja Gelmus, sa ma żmieni jintemm:***
***għax fweħitha tnessini li fostna***
***isaltan is-semm!***

**a.** Ikteb 2 kelmiet li jirrimaw: __________________, _______________ (1)

**b.** Il-poeta qed ikellem lill-għolja ta' ____________________. (1)

**c.** Il-poeta se jibqa' jsaqqi (x-xitla tas-sagħtar, s-siġra tas-sagħtar). (1)

2. Fil-poeżija *Ġejja x-Xita* ta' Mary Meilak, il-poetessa titkellem fuq x'jagħmlu l-
________________________ meta tkun ġejja x-__________________________. (2)

3. Mary Meilak titlob lill-Maltin biex inaddfu (l-btieħi, l-bjut, l-għasafar) u jiftħu l-
(bjut,bibien,bjar). (2)

4. *Ballata* hija storja ta' mħabba li tispiċċa bi (traġedja, inċident, tieġ). (1)

5. Fejn jisma' l-leħen jidwi l-poeta fil-poeżija *Ballata* ta' Rużar Briffa?
___________________________________________________________________. (2)

6. Agħżel poeżija milli studjajt dis-sena u ikteb il-ħsieb tagħha. (Fuqhiex inhi) (5)

______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________
______________________________________________________________________________

**B. Proża – *Fuklar qadim u bnadar imċarrta* ta' Trevor Zahra.** ***(10 marki)***

**1.** Il-Fuklar kien jinsab fil-kamra (tan-nanna Ġolina, taz-zija Antida, taz-zija Ġemma). (1)

**2.** F'madwar 30 kelma, iddeskrivi d-dar tan-nanna Ġolina. (4)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**3.** Wara l-fuklar kien hemm (agħmel ċirku ma' żewġ oġġetti). (2)

Siġra, fatat, saqqu, sodda, linfa, bnadar

**4.** Agħżel karattru **WIEĦED** minn dawn u ikteb madwar 30 kelma dwaru:

**Toni — iz-zija Ġemma — iz-zija Antida — in-nanna Ġolina**

Fuq min se tikteb ______________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima E. Komponiment (20 marka)**

Ikteb madwar 150 kelma dwar **wieħed** minn dawn.

1. Il-Milied għadu kif għadda. Ikteb dwar x'għoġbok u x'ma għoġbokx matul din il-festa.

   *(Dawn l-punti jistgħu jgħinuk: l-ikel tradizzjonali marbut ma' din il-festa, il-purċissjoni bil-Bambin, il-quddiesa ta' nofsillejl, it-tqassim tar-rigali, vaganzi .)*

2. Ikteb storja li tibda b'dawn il-kelmiet: Mort iċ-Ċirkewwa biex nilqa' lin-nanniet tiegħi neżlin mill-vapur u.... *(Dawn l-punti jistgħu jgħinuk: ħabtu , involuti fi ġlieda, waqgħu l-baħar, ħsara fil-karozza, inqabdu fil-maltemp.)*

3. Kont miexja fit-triq u sibt qattus mitluf. Iddeskrivi dan il-qattus u għid x'għamilt bih.

   *(Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk: Il-qattus kien aggressiv jew le? X'kulur kien? Kien mejjet bil-ġuħ? Ħadtu d-dar jew ħallejtu fejn kien? Jekk ħadtu d-dar irrabbjaw miegħek jew aċċettawh? Wara x'għamiltu bih, żammejtuh jew ħadtuh f'xi dar tal-annimali abbandunati?)*

4. Fl-aħħar għandi l-kamra tiegħi. Iddeskrivi x'tara mit-tieqa ta' din il-kamra.

   *(Dawn il-punti jistgħu jgħinuk: baħar, bini, il-port, vapuri, siġar, ix-xemx tielgħa/nieżla, nies jippassiġġaw)*

5. Kif inqatta' tmiem il-ġimgħa mal-familja tiegħi.

   *(Dawn il-punti jistgħu jgħinuk: noħorġu, immorru nieklu, naraw film id-dar jew iċ-ċinema)*

| **Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan).** |
| --- |
| |

**Tmiem il-Karta**